**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 47/2022**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Eman Hayman)**
**-Vs-**
**JOHN POLIDANO**

**Illum, 14 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **JOHN POLIDANO** ta' 55 sena, iben Rosario u Josephine nee' Mangion, li twieled ġewwa l-Pieta' nhar is-29/07/1965, iddikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz 47, Triq id-Duluri, Birżebbugia, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 360965M, li tressaq quddiemha akkużat talli nhar it-28 ta' Jannar 2022 u fil-ġranet u, jew ġimgħat ta' qabel ġewwa Bormla u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer:-

1. Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel tagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew

impjieg għad-detriment lil omm ibnu Cole Polidano u cioe' Rita Refalo u dana meta kien qed ikun tali fil-preżenża ta' minuri, id-delitt twettaq ripetutament u li l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili;

2. Ikkaġuna lil omm ibnu Cole Polidano u cioe' Rita Refalo, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali ta' fastidju sar b'mod li jamonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi u dana meta kien qed ikun tali fil-preżenza ta' minuri, id-delitt twettaq ripetutament u li l-akkuzat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili;

3. Ikkaġuna lil omm ibnu Cole Polidano u cioe' Rita Refalo, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew l-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha u dana meta kien qed ikun tali fil-preżenza ta' minuri, id-delitt twettaq ripetutament u li l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili;

U akar talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li kien u magħmula b'rizoluzzjoni waħda.

4. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, ħedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil omm ibnu Rita Refalo, jagħmlu xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

5. Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil omm ibnu Rita Refalo jew lil ħaddieħor, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;

6. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band’oħra fil-kodiċi kriminali lil omm ibnu Rita Refalo jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b’mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

7. Kiser il-provvedimenti ta’ sentenza sospiza mogħtija fil-konfront tiegħu b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr Marseann Farrugia LL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel;

8. Kiser Ordni ta’ Trażżin imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr Marseann Farrugia LL.D, fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurta’ ta’ Rita Refalo.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex toħroġ ordni ta’ protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra John Polidano a benefiċju ta’ Rita Refalo u l-familjari tagħha u dan fit-terminu tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Il-Qorti kienet mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta’ trattametn skont Art 412D ta-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f’każ ta’ ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta’ Rita Refalo jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil John Polidano billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil John Polidano b’obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta’ somma ta’ flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti kienet finalment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-

proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-7 ta' Diċembru 2022 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 18, 251, 251H(a)(d)(i), 251HA, 202(b)(h)(i)(j)(k)(n), 208AĊ(2)(a), 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 251AA, 251A(a)(b)(2)(4), 251H(a)(b)(ċ)(d)(i), 251HA, 202(b)(h)(i)(j)(k)(n), 208AĊ(2)(a), 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 18, 251B, 251H(a)(b)(ċ)(d)(i), 251HA, 202(b)(h)(i)(j)(k)(n), 208AĊ(2)(a), 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 49 tal-Att biex Jirregola-Komunikazzjonijiet Elettronici, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' malta u l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 339(d), 7, 12 u 13 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 339(e), 7, 12 u 13 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikolu 28A, 28B u 28Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-artikoli 17, 18 31, 382A, 383, 384 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-12 ta’ Ottubru 2023 jiddikjara li m’għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat illi d-difiża baqgħet ma ppreżentat ebda nota ta’ sottomissjonijiet kif awtorizzat fis-seduta tas-16 ta’ Settembru 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-każ huwa wieħed ta’ vjolenza domestika kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta’ Malta. L-imputat u l-allegat vittma, il-parti offiża Rita Refalo, kienu f’relazzjoni u minn din ir-relazzjoni għandhom wild minuri in komun.

**Rita Refalo** xehdet illi wara li tterminat ir-relazzjoni ta’ bejniethom, l-imputat ried jara lil ibnu u għalhekk kien jiġi wara l-bieb tad-dar tagħha iżda kien jiġi b’ħafna għajjat, dagħa u theddid. Spjegat illi l-imputat kien ġie ordnat b’digriet li ngħata f’Ġunju 2021, biex jeżerċita aċċess għal ibnu taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ iżda minkejja dan kienet aċċettat li tibqa’ tiltaqa’ miegħu biex jista’ jara lil ibnu għaliex ma riditx iċċaħħdu mill-aċċess għat-tifel. Madankollu, l-imġieba tal-imputat hija waħda erratika fejn “*filli jkun John normali, filli ... qiesek qed tara xitan .... għajjat, dagħa, kollox kif jgħid hu*”. Xehdet illi meta kien iġib ruħu b’dan il-mod, hi kienet tibża’ u tibda taqtagħlu, u tħossha imbeżża’ anke jekk sempliċement tisma’ l-ħoss tal-vann tiegħu. Xehdet illi l-imputat ma ridhiex tħalli t-tifel ma’ ħadd għaliex kulħadd ħażin u kien jgħajjarha li hi m’hijiex tajba biex trabbi t-tfal u m’hi tajba għal xejn.

Ġimgħa qabel il-25 ta' Jannar 2022, it-tifel kien ma jiflaħx u l-imputat kien ħadu l-Isptar għaliex kienet xogħol iżda ma kienx emminha li kienet xogħol u beda jgħajjat u jġib ruħu aggressivament u b'mod arroganti fit-triq. Dan l-attitudni kien ibeżżagħha ħafna u għalhekk iddeċieidet li ma tridx twieġbu jew tiftaħlu l-bieb iktar. Minħabba f'hekk, l-imputat beda jipprova jagħmel kuntatt magħha iżda billi ma kienetx qiegħda twieġbu, beda jċemplilha ripetutament u kellha tispiċċa timblokka n-numru tiegħu fuq il-mobile anke fuq Whatsapp u mezzi oħrajn ta' komunikazzjoni, u darba minnhom l-imputat anke spiċċa jipprova jikkuntattjaha fuq Instagram billi bagtilha messaġġ u beda wkoll iċempel.

Xehdet li l-imputat kien jibgħatilha wkoll ħafna messaġġi b'theddid, fosthom li ser issibu wara l-bieb u li ser jifqagħalha l-bieb. Fil-fatt, ġie tliet darbiet iħabbat il-bieb tagħha fis-26 ta' Jannar 2022, fis-27 ta' Jannar 2022 u fit-28 ta' Jannar 2022. Xehdet: "*Darba minnhom, ġie beda jċempel il-bieb, jibda jċempilli mill-mobile biex noħroġ u jien ovjament ma nibdiex nirrispondi. Darba minnhom ċempilli bil-private number ukoll u kif qbadtu ħafna għajjat, dagħa.*" Fis-26 ta' Jannar 2022, l-imputat mar iħabbtilha l-bieb iżda ma setgħetx toħroġ għaliex kien fi kwarantina, filwaqt li fil-25 ta' Jannar 2022 kien hemm it-tifel fuq il-bejt flimkien mal-għarus tat-tifla tagħha li wkoll kien kwarantina, u beda jgħidlu biex jinżel ikellmu għaliex kien qed imarradlu lit-tifel u biex jgħidilha biex toħroġ barra.

Rita Refalo xehdet illi l-messaġġi bit-theddid l-imputat beda jibagħthomlha fil-25 ta' Jannar 2022 u dan permezz ta' SMS min-numru 79011136 fuq il-mobile tagħha bin-numru 79308100. Wara li beda jibgħat dawn il-messaġġi, hija kellha tispiċċa timblokka n-numru tiegħu fuq il-mobile u meta beda jibagħtilha ħafna messaġġi anke fuq Whatsapp, kellha timblokkah anke fuq din il-pjattaforma u mezzi oħrajn ta' komunikazzjoni, iżda peress li għandu żewġ numri tal-mobile, wieħed reġistrat fil-mobile tagħha bħala 'John mobile' u l-ieħor bħala 'Dudu', beda jikkuntattjaha minn fuq in-numru l-ieħor. L-imputat spiċċa jipprova jikkuntattjaha fuq Instagram billi irreġistra kont u bagtilha xi messaġġi. Fissret illi għalkemm l-imputat qatt ma refa'

idejh fuqha, hi tibża' ħafna minnu speċjalment mill-għajjat tiegħu għaliex jinstema' qiesu miġnun u meta kien jiġi wara l-bieb tagħha ma kienx iġib ruħu ta' bniedem normali iżda għalkemm kien jgħidilha li mhux l-intenzjoni tiegħu li jbeżżagħha, kulħadd kien jitwerwer minnu anke t-tfal tagħha kienu jieħdu qatgħa ("*Ġie Johnny! Ġie Johnny!*"). Fi kliemha: "*qisek qed tara ċorma klieb*" u sewwasew għaliex kienet tibża' minnu ma kienetx tiftaħlu.

Ikkonfermat illi fil-perijodu meta kien joqgħod magħha wara Ġunju 2021, hu ma kienetx tibża' minnuu lanqas it-tfal ma kienu mbeżżgħin minnu. Ikkonfermat ukoll li l-imputat iħobb ħafna lit-tifel tagħhom u "*... dejjem jirsisti biex jara lil ibnu*".

Stqarret li minkejja li kien inħareġ Ordni ta' Trazzin fit-23 ta' Ġunju 2021 fil-konfront tal-imputat u kellha tmur tagħmel ftit żmien tgħix f'Dar Merħba Bik, hija xorta waħda kienet aċċettat lil tiltaqa' miegħu biex ikollu aċċess għat-tifel u bejn Ġunju sa Novembru 2021 kienu jiltaqħu ta' spiss, imorru jieklu u anke ħallietu jidħol fid-dar tagħha għaliex qatt ma riedet tbiegħu minn ibnu. Iżda darba minnhom qam filgħodu u beda jidgħi u jgħajjat għaliex "*bdew idejquh l-affarijiet ... qed jiddejjaq id-dar*" tagħha u ried jerġa' jmur joqgħod ġo daru, iżda hi ma setgħetx tmur tgħix miegħu għaliex għandha żewġt itfal oħra ta' 14 u 17-il sena u trid tieħu ħsiebhom.

Fil-25 ta' Jannar 2022, għall-ħabta tal-10.00 jew 10.30 p.m. Rita Refalo xehdet illi kienet rieqda bit-tarbija ħdejha u semgħet l-għajjat. Ġiet it-tifla u qaltilha "*mummy, mummy, hawn John*" u kien ħdejn il-karozza tagħha u għalhekk ċemplet lill-Pulizija. Ippreċiżat li dik il-ġimgħa kienet diġa' ċemplet lill-Pulizija tliet darbiet oħra u kif eżatt jaslu fuq il-post, l-imputat kien jitlaq. Ikkonfermat illi l-imputat ma kienx għamel kuntatt magħha dakinhar.

Spjegat illi l-imġieba aggressiva tal-imputat hi dovuta għall-fatt li għandu l-vizzju tad-droga u ppruvat tfittex l-għajnuna tal-Aġenzija Caritas biex jista' jindirizza l-problema tal-attitudni aggressiva lil tiġi xprunata mill-abbuż tad-droga. Ikkonfermat ukoll li meta t-tifel li għandha in komun mal-imputat, ħareġ mill-Isptar ġimgħa qabel il-25 ta'

Jannar 2022, kienu marru fil-kampanja flimkien bit-tifel iżda b'karozza separati biex jekk jibda iġib ruħu b'mod aggressiv, taqbad u titlaq biex tipproteġi lil binha, u ratu b'għajnejha fil-vann tiegħu jabbuża mid-droga.

L-imputat ma xehedx quddiem il-Qorti iżda kien irrilaxxa stqarrija awdjo-viżivalill-Pulizja waqt l-interrogazzjoni fid-29 ta' Jannar 2024, liema stqarrija ġiet traskritta (Dok. KV 1);

L-imputat qed jiġi akkużat, fl-ewwel imputazzjoni, bir-reat taħt l-artikolu 251(1) tal-Kodiċi Kriminali, ir-reat ta' vjolenza kontra l-privat. Din id-dispożizzjoni legali ġiet modifikata radikalment bl-emendi li ġew introdotti bl-Att XIII tal-2018 u fis-sura preżenti tagħha, tipprovdi li huwa ħati tar-reat kull min:-

"*... uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jewpsikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel li xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jiżola tali persuna jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg...*"

Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Andrew St. John**[1], ingħad hekk:-

*"Il-Qorti trid issa tiddetermina jekk l-imgieba tal-imputat tinkwadrax fir-reat prospettat bl-artikolu 251(1) tal-Kodici Kriminali.*

*Dan is-subartikolu gie emendat ricentement bl-Att XIII tal-2018 li, inter alia, gie promulgat "biex jipprovdi sabiex l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, isiru u jkunu esegwibbli bħala parti mil-Liġijiet ta' Malta..."*

[1] Deċiża 24 ta' Settembru 2019.

*Fost l-artikoli f'dik il-Konvenzjoni hemm dak li jittratta l-vjolenza psikologika filwaqt li ma hemm ebda riferenza dwar vjolenza morali u konsegwentement kif din tiddistingwi ruhha minn dik psikologika.*

***Artikolu 33 – Vjolenza psikoloġika***

*Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li tiġi kriminalizzata kwalunkwe mġiba intenzjonata li tikkawża danni serji għall-integrità psikoloġika ta' persuna permezz ta' ġegħil jew theddid.*

*Meta jigi kkunsidrat dak li jipprovdi l-Explanatory Report to the Council of Europe Convention on preventing and combating violence against women and domestic violence, Istanbul, 11.V.2011, dwar liema agir ghandu jikkostitwixxi vjolenza psikologika, issir emfazi kbira li l-agir kriminuz ma jridx ikun xi att izolat izda hu essenzjali li jkun hemm 'course of conduct':*

***Article 33 –Psychological violence….***

*181. This provision refers to a course of conduct rather than a single event. It is intended to capture the criminal nature of an abusive pattern of behaviour occurring over time – within or outside the family. Psychological violence often precedes or accompanies physical and sexual violence in intimate relationships (domestic violence). ….*

*Imbagħad jizdied rekwizit iehor u cioe` li dak l-agir rrid ikun tali li "seriously impairs another person's psychological integrity".*

*179. This article sets out the offence of psychological violence. The drafters agreed to criminally sanction* ***any intentional conduct that seriously impairs another person's psychological integrity*** **through coercion or threats***. The interpretation of the word "intentional" is left to domestic law, but the requirement for intentional conduct relates to all the elements of the offence.*

*180. The extent of the offence is limited to intentional conduct which seriously impairs and damages a person's psychological integrity which can be done by various means and methods. The Convention does not define what is meant by serious impairment. Use must be made of coercion or threats for behaviour to come under this provision.*

*Jibqa' l-fatt li ghalkemm bl-emendi introdotti ghall-artikolu 251(1) tal-Kodici l-legizlatur ma ghazilx li l-artikolu 33 tal-Konvenzjoni jigi trammandat fid-dritt Malti kelma b'kelma, it-tifsira ta' dak li ghandu jammonta ghal 'vjolenza psikologika' ghandha tkun precizament dik it-tifsira li tinsab fl-Att XIII tal-2018 in kwantu kien ghall-finijiet specifici li tigi trammandata dik il-Konvenzjoni fid-dritt, inkluz dak penali, Malti, li saret dik l-emenda. Dik it-tifsira tesigi "***mġiba intenzjonata li tikkawża danni serji għall-integrità psikoloġika ta' persuna permezz ta' ġegħil jew theddid**" [Art.33 Konvenzjoni].*

*Ghall-istess ragunijiet u tenut kont ta' dak li jipprovdi l-Explanatory Memorandum, hu necessarju li l-att kriminuz li jikkostitwixxi vjolenza psikologika ma jkunx xi att izolat izda "***a course of conduct rather than a single event. It is intended to capture the criminal nature of an abusive pattern of behaviour occurring over time**." [Para. 181]*" (enfasi ta' din il-Qorti)

Dan ir-reat fih elementi kostitttivi simili ħafna għar-reat analogu, imsejjaħ '*maltrattamenti in famiglia*' taħt l-artikolu 572 tal-codice penali Taljan, bid-differenza li fl-ordinament ġuridiku Taljan għall-prova tar-reat jeħtieġ l-eżistenza ta' legam speċifiku ta' qrubija, awtorita', edukazzjoni, kustodja jew lavorattiv, bejn l-aġent u s-soġġett passiv tar-reat. Għall-bqija, iż-żewġ reati jeħtieġu l-element ta' maltrattament b'konsegwenzi gravi u speċifiċi, permezz tat-twettiq repetittiv jew abitwali ta' atti ta' vjolenza fiżika jew morali jew oppressjoni.

Fir-rigward, ġie ritenut:-

*"Tuttavia, preme evidenziare come, diversamente dal reato di maltrattamenti che – come pacificamente ritenuto dalla giurisprudenza – si configura quale* **reato abituale di condotta** *essendo richiesto, ai fini della sua configurabilità, che il comportamento dell'agente sia idoneo sotto il profilo oggettivo a determinare nella vittima una*

*condizione di sofferenza psico-fisica non semplicemente transitoria, ma non anche che tale stato emotivo concretamente si realizzi e si manifesti"*[2]

Il-Qorti, wara li analizzat id-dispożizzjoni legali taħt l-artikolu 251(1) tal-Kodiċi Kriminali fid-dawl tal-prinċipji esposti fil-Konvenzjoni Istanbul[3] u fil-ġurisprudenza Taljana in materja safejn din hija relevanti, tqis illi l-elementi materjali tar-reat huma identifikabbli f'kondotta jew egħmil ripetut da parti tal-aġent, konsistenti f'atti jew theddid ta' ġegħil u koerċizzjoni fuq kull livell li jkun: fiżiku, sesswali, psikoloġiku jew ekonomiku. Jeħtieġ ukoll il-prova li dawn l-atti jkunu sewwasew ikkalkulati biex jimminaw id-dinjita' tas-soġġett passiv u l-integrita' psikoloġika tiegħu, jikkalpestaw il-ħsibijiet u azzjonijiet indipendenti u jillimitaw l-isfera tal-liberta' u awtodeterminazzjoni tal-vittma. Fost dawn l-atti jidħlu inġurji, umiljazzjoni, theddid, disprezz, insulti, swat u egħmil ieħor vessatorju u wkoll sistematiku, immirat għall-affermazzjoni ta' stat ta' supremazija tal-aġent fil-konfront tal-vittma. Mhux meħtieġ li l-atti jew l-egħmil materjali jilħqu l-għan tagħhom għaliex ir-rejalizzazzjoni tal-ħsieb tal-aġent jikkostitwixxi forma aggravata tar-reat, kif maħsub fis-subartikolu (2) tal-artikolu 251.

Kwantu għall-element formali tad-*dolo,* jidher li huwa biżżejjed li l-aġent ikun konsapevoli li l-persistenza tal-attivita' jew kondotta vessatorja tiegħu, fiha l-propensita', anke oġġettiva, li tilledi l-personalita' jew id-dinjita' tal-vittma. Ma jidhrix li hu meħtieġ il-prova tal-intenzjoni pożittiva tal-aġent li jikkaġuna sofferenza fiżika jew mentali[4], basta li jintwera li hu konsapevoli illi l-egħmil oppressiv u ripetut tiegħu ikun qed jissoppressa l-kundizzjonijiet normali tal-ħajja tal-vittma.

Il-Qorti tal-Kassazzjoni fl-Italja f'sentenza reċenti għamlet espożizzjoni erudita tal-elementi relevanti, materjali u formali, tar-reat taħt l-artikolu 572 tal-codice penali Taljan-

---

[2] Cfr. Cassazione penale sez. VI, 20/09/2023, n.43307 in Diritto & Giustizia 2023, 26 ottobre (nota di: Attilio Ievolella)
[3] Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika.
[4] Cfr. Cassazione penale sez. III, 19/07/2017, (ud. 19/07/2017, dep. 13/09/2017).

"*Sul piano materiale, affinche possa ritenersi integrate la fattispecie di cui all'art. 572 c.p., si rende necessaria la predisposizione di una* **pluralità di atti***, tanto attivi quanto omissivi, di natura fisica o psicologica. Trattasi, dunque, di un reato abituale configurabile anche attraverso la realizzazione di atti di per sé leciti e dunque non costituenti reato. Detto in altri termini, la norma richiede ai fini della sua integrazione la predisposizione di* ***una condotta fisica e/o psicologica che si presenti aggressiva e vessatoria sì da ledere, non già in modo saltuario e/o isolato quanto consueta, la personalità della vittima****.*

*Infine, sotto il diverso profilo soggettivo, la giurisprudenza è concorde nel ritenere sufficiente il dolo generico e cioè la coscienza e la volontà di infliggere alla vittima – pur in assenza di una programmazione ab origine dei singoli episodi – una serie di sofferenze stabilendo una rete di prevaricazioni e vessazioni che ne sviliscono la personalità spingendola a subire, reiteratamente, un forte disagio che gli impedisca una serena condizione di vita. Di talché, a fronte della richiesta coscienza e volontà della condotta oppressiva e prevaricatrice, dell'irrilevanza delle finalità perseguite dal soggetto attivo del reato nel perpetrare gli atti vessatori nonché di una previa prefigurazione degli stessa la giurisprudenza è pacifica nel richiamare il dolo nei termini di 'dolo unitario'.*"[5]

Illi applikati dawn il-prinċipji għall-fattispeċje tal-każ kif jirriżulta mix-xhieda ta' Rita Refalo u minn eżami tal-messaġġi li allegatament intbagħtulha mill-imputat, il-Qorti, għalkemm tqis li l-imputat tassew aġixxa b'mod oppressiv u vessatorju fil-konfront ta' Rita Refalo meta ċemplilha ripetutament, bagħatilha messaġġi b'mod persistenti, iċempel il-bieb tad-dar tagħha u jgħajjat fit-triq, ma tirravviżax f'din il-kondotta xi egħmil maħsub biex inaqqsilha d-dinjità tagħha jew jimmaltrattaha. Il-parti offiża bid-deċiżjoni li ħadet volotarjament li ma tweġibx iktar għat-telefonati tal-imputat u ma tiftaħlux il-bieb meta kien jiġi jara lil ibnu, u li tibda terġa' tapplika l-effetti tal-

[5] Corte di Cassazione – Sez. VI Pen. – Sent. n. 31178 del 15/05/2024.

Ordni ta' Trażżin fil-konfront tiegħu, ixprunat rejazzjoni da parti tal-imputat li indubbjament kienet fastidjanti kif ukoll allarmanti għaliha, iżda żgur li fl-aġir persistenti tiegħu mhux identifikabbli vjolenza jew vjolenza psikoloġika, u lanqas ma jirriżulta li dan l-aġir kien intiż jew indirizzat biex jikkaġunalha tbatija jew sofferenza psikoloġika jew biex iġġiegħlha taġixxi b'mod inkompatibbli mal-istil ta' ħajja normali tagħha. Huwa minnu li Rita Refalo xehdet illi l-imputat kien ibeżżagħha bl-għajjat u dagħa iżda l-Qorti m'hijiex konvinta li r-rejazzjoni tal-imputat għall-fatt li hija qatgħet ħesrem kull kuntatt miegħu u ddeċidiet li għandu josserva l-Ordni ta' Trażżin li kien ilu li nħareġ mit-23 ta' Ġunju 2021, tista' titqies bħala vjolenza psikoloġika, sfurzar jew imġieba intenzjonata li tikkawża danni serji għall-integrità psikoloġika tagħha.

Għall-Qorti, dan ifisser illi ma ntlaħqitx il-grad tal-prova li l-imġieba ripettitiva tal-imputat kienet tal-kalibru li tilledi s-saħħa psikoloġika tal-parti offiża jew twassal għal kambjament fil-ħajja jew personalita' tagħha, jew li minħabba fiha ġiet iżolata.

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinsab ħati tar-reat taħt l-artikolu 251(1) tal-Kap. 9 addebitat lilu fl-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli wkoll bir-reat taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9, li huwa r-reat ta' fastidju, iżda speċifikatament bil-fastidju li jikkonsisti fis-segwiment bil-moħbi tal-persuna kif maħsub fl-artikolu 251AA tal-istess Kap. 9.

Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-artikolu 251A tal-Kap. 9 jipprovdi li jkun ħati tar-reat tal-fastidju, persuna li:

(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew
(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna;

Is-subartikolu (2) tal-artikolu 251A jippreċiża illi persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk, fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-kondotta li tikkostitwixxi r-reat ta' fastidju ma ġietx definita espressament fil-Kodiċi Kriminali u huwa biss l-artikolu 251Ċ li b'riferenza, *inter alia*, għar-reat taħt l-artikolu 251A, jipprovdi deskrizzjoni tal-imġieba li jista' jammonta għal fastidju: "*Fl-artikoli 251A sa 251BA, it-tnejn inklużi, riferenzigħall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata'jew idejjaq lill-persuna.".*

**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.) jiddekskrivi l-kondotta li jammonta għal fastidju, hekk[6]:-

*"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment;* ***it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability****. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30].* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.****"*[7]

[6] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed, B.2.140, p. 285.
[7] **Il-Pulizija vs Joseph Bajada** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawedex) 2.05.2013. Enfasi ta' din il-Qorti.

F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deċiża fis-26 ta' Novembru 2009, ġie ritenut:-

*"... Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "**Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose**", dan l-element ta' **ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli.**"*[8]

L-istess Qorti fis-sentenza mogħtija fil-kawża **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[9], qalet ukoll:-

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn **agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien**." Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

… … …

… ***Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi***."[10]

---

[8] Enfasi ta' din il-Qorti.

[9] Deċiża 21.6.2007.

[10] Fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Denise Falzon**[10], il-Qorti tal-Appell Kriminali fissret:- *"… hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. … Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa."* Enfasi ta' din il-Qorti.

Kif ingħad diġa', l-imputat ġie mixli bir-reat ta' fastidju li jikkonsisti speċifikatament f'segwiment ta' persuna oħra bil-moħbi (*stalking*), liema reat huwa ipotetizzat espressament fl-artikolu 251AA tal-Kap. 9.

Jingħad illi meta l-fastidju jkun akkumpanjat minn imġieba da parti tal-aġent li jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi, ir-reat jitqies li huwa iktar gravi u huwa punibbli b'mod iktar sever. Hawnhekk il-leġislatur ħa ħsieb jiddefinixxi espressament l-imġieba li tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi u fir-rigward, is-subartikolu (2) tal-artikolu 251AA tal-Kap. 9 jipprovdi illi l-imġieba ta' persuna jkun jikkostitwixxi segwiment ta' persuna bil-moħbi jekk l-imġieba tissodisfa s-segwenti rekwiżiti kollha, b'mod kumulattiv, ċioe' li:-

a) tammonta għal fastidju ta' dik il-persuna,
(b) tikkostitwixxi xi wieħed mir-reati msemmija fis-subartikolu (3),
(ċ) dik il-persuna, li twettaq dik l-imġiba, taf jew imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra, u
(d) tikkostitwixxi kondotta ripetuta li ġġiegħel lill-persunal-oħra li tibża' għas-sigurtà tagħha.

Biex att ikun jikkostitwixxi segwiment bil-moħbi ta' persuna oħra, il-paragrafu (b) tal-artikolu 251AA tal-Kap. 9, fuq imsemmi, jeħtieġ li dan ikun jirrientra f'xi waħda mill-azzjonijiet deskritti fil-paragrafi (a) sa (g) tas-subartikolu (3) tal-artikolu 251AA tal-Kap. 9, fosthom li wieħed jagħmel kuntatt, jew jittanta jagħmel kuntatt ma' persuna bi kwalunkwe mezz[11], u wieħed jitlajja fi kwalunkwe post, kemm pubbliku jew privat[12].

Issir referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża **Il-Pulizija vs Paul Lughermo**[13] fejn ġie ritenut:-

[11] Paragrafu (a) tal-artikolu 251AA tal-Kap. 9
[12] Paragrafu (e) tal-artikolu 251AA(3) tal-Kap. 9.
[13] Deċiża 19 ta' Diċembru, 2016

*"Din il-Qorti hija moralment konvinta li dan huwa każ partikolari ta' fastidju li jieħu l-forma ta' insegwiment. Issa f'dan il-każ il-*Qorti *rat li l-*Prosekuzzjoni *addebitat lill-imputat ir-reat ta' fastidju ġenerali taħt l-*Artikolu 251A *tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti kienet tilqa' din it-teżi tal-*Prosekuzzjoni *li kieku din il-kawża kienet magħmula qabel id-daħla fis-seħħ tal-*Artikolu 251AA *bl-Att XXIV tal-2014.*

*Bis-saħħa ta' dak l-Att ir-reat ta' fastidju taħt l-*Artikolu 251A *tal-Kodiċi Kriminali assuma aktar minn qatt qabel il-karattru ta'* genus *b'tipoloġija ta' azzjonijiet li sa dakinhar setgħu ikunu klassifikati li jaqgħu taħtu issa jiġu misluta u konċentrati f'reati* ad hoc *li jassumu karattru ta'* species*."*

Fl-istess sentenza intqal ukoll:

"*Meta l-fattispecie jkunu għalhekk tali li jagħtu lok għal dan ir-*reat, *il-*Prosekuzzjoni *trid taddebita dan ir-reat lill-imputat u mhux ir-reat ta' fastidju ġereriku, anke jekk dak jikkostitwixxi l-*genus.

*Ladarba l-Liġi tippreskrivi* species *ta' reat, il-Prosekutur għandu jaddebita dak l-*ispecies *u mhux jistrieh fuq il-*genus. *Ma kienx l-iskop tal-Leġislatur li joħloq dan ir-reat speċifiku u fl-istess waqt iħalli li l-Prosekuzzjoni tkompli titmexxa in bażi għar-reat ġeneriku. Dan ir-reat ġie maħluq speċifikament sabiex dik il-fattispecie partikolari tas-segwiment tiġi indirizzata speċifikament b'reat* ad hoc *u b'pieni maġġorati in kwantu huma ogħla minn dawk preskritti fir-*rigward *tar-*reat *tal-*fastidju *ġeneriku.*

*Għalhekk minkejja li r-reat ta' fastidju taħt l-*Artikolu 251A *tal-Kodiċi Kriminali huwa l-*genus, *bil-mod ta' kif ġie promulgat l-Artikolu 251AA, tal-Kodiċi Kriminali, inkluż kemm bil-fatt li : -*

*(a) dan ir-reat li huwa bażat fuq fattispecie li titnissel u li tinkwadra ruħha fil-parametri tal-*Artikolu 251A *tal-Kodiċi Kriminali tant li l-imġieba tal-*Artikolu 251A *trid tkun saħansitra wieħed mill-*elementi kostituttivi *tar-*reat *ta' segwiment,*

*(b) kif ukoll minħabba li l-piena preskritta għar-reat ta' segwiment hija maġġuri għal dik infliġġenda fil-każ ta' fastidju ġeneriku,*
*ma jistax jingħad li r-reat ta' segwiment huwa reat minuri iżda kompriż u involut fir-reat ta' fastidju. ...*"

Fl-istess vena, is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mark Heath**, deċiża fit-28 ta' Settembru 2023:

*Nonetheless, this Court does not agree that the course of conduct amounting to stalking can be completely detached from the generic crime of harassment under article 251A. Indeed, while it is true that stalking constitutes a specific and aggravated crime and not merely one of the examples of harassment, one of its constitutive elements as defined in article 251AA(1), is precisely a course of conduct in breach of article 251A(1) of the Criminal Code, that is harassment. Only that, for the crime of stalking to subsist, proof of additional and distinct formal elements and material acts, is required. After all, harrassment is a course of conduct which, despite amounting also a separate offence, comprises one of the essential elements of the crime of stalking: Blackstone, cited earlier on, describes "the practice of stalking ... [as] arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193)".*

Stabbilit dan kollu, il-Qorti sejra tistħarreġ il-provi tal-Prosekuzzjoni biex jiġi stabbilit jekk fl-aġir tal-imputat kif deskritt minn Rita Refalo fix-xhieda tagħha humiex riskontrabbli l-elementi kollha tar-reat tal-fastidju konsistenti fis-segwiment bil-moħbi tal-istess parti offiża.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi Rita Refalo xehdet illi hija kienet għamlet rapport lill-Pulizija fil-15 ta' Diċembru 2021[14] għaliex fil-ġimgħa ta' qabel kienet iddeċidiet li ma tweġibx it-telefonati tal-imputat u ma tiftaħlux il-bieb, u għalhekk kien beda jċempel ripetutament tant illi kellha timblokkah mill-mezzi kollha tal-komunikazzjoni. Fir-

[14] GHQ/GBDV/1685/2021 – Dok. EH2.

rigward, esebiet Dok. RR2 b'lista tat-telefonati kollha li għamel l-imputat bejn is-6 ta' Diċembru 2021 u l-15 ta' Diċembru 2021.

Madankollu, hija l-fehma tal-Qorti li l-eventi li seħħew f'Diċembru 2021 u qabel, ma jirrentrawx fil-parametri tal-akkużi. Iċ-ċitazzjoni tillimita espressament iż-żmien tar-reati għat-**28 ta' Jannar 2022 u dawk il-ġimgħat ta' qabel din id-data**. L-imputat ġie espressament mixli li kkommetta r-reati addebitati lilu, "*fit-28/01/2022 u fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel*" u konsegwentement, il-fatti li setgħu seħħew fix-**xhur preċedenti** u ċioe' fis-sena preċedenti 2021, għandhom jitqiesu li huma eskluzi mill-parametri temporali tal-akkużi.

Dan il-prinċipju ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant kien ġie mixli b'reati li kienu allegatament ġew kommessi "*ghall-habta tas-7.30 p.m.*" filwaqt li mill-evidenza miġjuba fil-proċeduri tistabbilixxi li l-inċident seħħ "*ghall-habta tas-7.30 a.m.*":

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara.*"[15]

Dan l-istess prinċipju ġie kkunsidrat ukoll estensivament fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa') v. Emanuel Ellul**[16]:-

"*Kif inghad, l-imputat gie mixli illi kkommetta r-reat tal-uzurija "fl-20 ta' Marzu 2012 jew fix-xhur ta' qabel". Isegwi ghalhekk illi kif impostata, l-imputazzjoni tirreferi ghal*

[15] Ara wkoll **Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) vs Christopher Ryan et**, deċiża mill-istess Qorti fl-10 ta' April 2014 u **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**, 26 ta' Jannar 2017.

[16] 10 ta' April 2019, mogħtija minn din il-Qorti. Citata b'approvazzjoni fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Harish Daswani** fl-1 ta' Settembru 2020.

*fatti li graw fl-20 ta' Marzu jew fix-xhur vicini ta' dik id-data.* ***Ghalkemm l-imputazzjoni giet dedotta bhala reat kontinwat, il-Qorti ma tqisx illi l-kuncett legali tal-kontinwita` a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali jista' jestendi oltre l-parametri temporali espressament dedotti fl-akkuza, ghaliex il-Qorti ma tista' qatt issib htija ghal xi reat li jkun sehh fi zmien iehor jew f'hin iehor u mhux dak indikat fl-akkuza.***

*L-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji d-difiza taghha tajjeb u dan bic-cirkostanzi materjali indikati lilha f'dik ic-* citazzjoni.

… … …

*Huwa rikonoxxut illi z-zmien huwa cirkostanza materjali u sostanzjali tal-kaz tal-Prosekuzzjoni, b'dan illi jekk il-parametru taz-zmien ikun gie indikat hazin, allura l-binarji tal-azzjoni wkoll jitqiesu li huma hazin. Ghalkemm m'huwiex rikjest mil-ligi li fl-imputazzjoni il-Prosekuzzjoni tindika bi precizjoni matematika iz-zmien tal-allegat reat, huwa certament desiderabbli li jsir hekk, .... Fil-kaz tal-imputazzjoni odjerna, iz-zmien indikat fl-akkuza jirreferi ghal xhur u mhux snin u ghalkemm bl-uzu tal-plural fil-kelma "xhur" l-ispazju temporali tal-fatti li ghalihom tirreferi l-imputazzjoni jista' jitqies li gie estiz ghal diversi xhur ohra, il-Qorti pero` tqis illi l-parametri tal-kelma xhur, b'mod generali ghandhom ifissru dawk il-ftit xhur qabel id-data specifikata, u ma jistghu qatt jiggebbdu biex jinkludu fihom fatti li jkunu sehhew tnax-il xahar jew iktar, qabel.* ***Inoltre, il-Qorti hija tal-fehma wkoll illi ma jistghux jidhlu fl-iskop tal-kliem "fix-xhur ta' qabel", dawk ix-xhur tas-sena ta' qabel id-data espressament msemmija fl-imputazzjoni, f'dan il-kaz l-20 ta' Marzu 2012.***" (enfasi ta' din il-Qorti)[17]

[17] Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Harish Daswani** *Ibid*. ġie ritenut *"… that the Court could not have found guilt of the first charge in view that not all the elements of the offence took place in the period mentioned in the charge sheet. The Court is therefore abstaining from taking cognisance of the second grievance regarding article 248A of the Criminal Code as well as parts of the third grievance through which regard the charge of human trafficking, …"*

Għalhekk il-Qorti sejra tiskarta x-xhieda u l-provi dwar it-telefonati persistenti tal-imputat fil-perijodu qabel l-1 ta' Jannar 2022 u sejra tistħarreġ biss il-provi l-oħra biex tistabbilixxi jekk l-imputat fiż-żmien tar-reati, ċioe' fit-28 ta' Jannar 2022 u fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel, aġixxiex b'mod li kkaġuna fastidju lil Rita Refalo u jekk dan il-fastidju jikkostitwixxix ukoll segwiment bil-moħbi tagħha.

Il-Qorti tqis illi l-imputat, fil-ġranet bejn il-25 ta' Jannar 2022 u t-28 ta' Jannar 2022 u fil-jiem ta' qabel, tassew ġab ruħu b'mod oppressiv li kien ikkalkolat li jpoġġi lil Rita Refalo taħt pressjoni inġusta. Huwa minnu li dan l-aġir kien xprunat, evidentement, mir-rifjut tal-parti offiża li twieġeb it-telefonati tiegħu, u dan wara li beda jgħajjat u jaġixxi b'mod aggressiv magħha fit-triq u rat wkoll jabbuża mid-droga, iżda fil-fehma tal-Qorti ir-rejazzjoni tal-imputat li beda jċemplilha ripetutament u jibgħatilha messaġġi ta' tgħajjir u theddid kontinwament, kif ukoll isabbat fuq il-bieb tad-dar tagħha biex tinżel tkellmu, ma hijiex waħda ta' persuna raġjonevoli iżda rejazzjoni estrema u abbużiva. **Għalkemm bid-deċiżjoni tal-parti offiża li taqta' kull kuntatt miegħu, l-imputat kien qiegħed jiġi effettivament imċaħħad mill-aċċess tiegħu għal ibnu – u jidher li l-imġieba persistenti u oppressiva kienet tassew xprunata mix-xewqa tiegħu li jara lill-istess ibnu u jkun infurmat dwar l-istat ta' saħħa tiegħu għaliex kien għadu ħiereġ mill-Isptar – l-imputat ma setax leġittimament iġib ruħu b'mod li jagħti fastidju meta mhux biss kellu rimedji oħrajn legali biex jassigura l-eżerċizzju tal-aċċess għal ibnu minuri iżda wkoll kien effettivament prekluż milli jikkuntattja u jimmolestja lil Rita Refalo skont it-termini tal-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu fit-23 ta' Ġunju 2021 (parti minn Dok. EH12)**.

Ta' min jissenjala li din Ordni ma kienetx tipprojibixxi lill-imputat milli jikkomunika u jagħmel kuntatt ma' Rita Refalo u jiltaqa' magħha limitatament għall-fini tal-bżonnijiet ta' binhom minuri, purche' dan il-kuntatt isir bil-kunsens tal-istess Rita Refalo. Evidentement, Rita Refalo kienet irtirat il-kunsens tagħha biex l-imputat jibqa' jikkomunika magħha dwar binhom u l-bżonnijiet tiegħu, u dan meta tajjeb jew ħażin, iddeċidiet li ma baqgħetx twieġbu u tiftaħlu l-bieb. **L-imputat messu malajr**

**intebaħ li ma kellux iktar il-kunsens tal-parti offiża biex jibqa' jikkomunika magħha u messu kien jaf ukoll li l-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Trażżin li jipprojibixxuh milli jikkuntattjaha u jiltaqa' magħha fir-rigward tat-tifel, kienu għadhom fis-seħħ. Minkejja dan, l-imputat baqa' jimmolestja lil Rita Refalo fuq medda ta' diversi ġranet billi jċempel ripetutament u jibgħat messaġġi sakemm finalment fil-25 ta' Jannar 2022, iddeċidiet li timblokkah minn fuq kull mezz ta' komunikazzjoni.**

Għalkemm mhemmx prova oġġettiva li t-telefonati li saru fl-24 ta' Jannar 2022 u li jidhru fil-*call logs* Dok. RR2 bħala telefonati li saru minn ċertu "*John*", oriġinaw minn numru ta' mobile phone li huwa reġistrat f'isem l-imputat jew li huwa konness b'xi mod ieħor miegħu, il-kontenut ta' dan id-dokument li juri telefonati mhux iweġbin, waħda wara l-oħra, kull ftit minuti jew inqas, huwa konsistenti max-xhieda ta' Rita Refalo u jikkorrobora l-verżjoni tagħha li l-imputat tant ċempel ripetutament fil-ġranet qabel il-25 ta' Jannar 2022, li ma kellhiex għażla oħra ħlief timblokka n-numru tiegħu.

Il-Qorti tifhem li l-imputat inkedd għaliex ġie mċaħħad mill-aċċess għal ibnu – aċċess li huwa f'kull każ jaqbel li kellu jeżerċitah fl-Aġenzija Appoġġ – u ma kienx qed jingħata informazzjoni dwaru meta kien ma jiflaħx u għalhekk indubbjament kellu ċertu rabja għall-parti offiża - iżda minflok ma rrejalizza li l-aġir tiegħu kien qed ikun ta' fastidju għall-parti offiża, jew irkorra għal mezzi legali biex ikun jista' jikseb aċċess għal ibnu, l-imputat irvilla u beda jmur quddiem id-dar tagħha, iċempel il-qanpiena u jgħajjat fit-triq biex hi toħroġ barra: aġir li qanqal ansjeta' fil-parti offiża li beżgħet għas-sigurta' tagħha, tant illi kienet tieħu qatgħa kull darba li kienet tisma' l-ħoss tal-vann tiegħu fit-triq barra r-residenza tagħha, u baqgħet qatt ma fetħitlu. Fir-rigward, PS 2366 Jessica Degiorgio xehdet illi meta ċemplet l-Għassa fit-28 ta' Jannar 2022 għaliex l-imputat kien wara l-bieb tad-dar tagħha, Rita Refalo kienet tinsema' ppanikkjata u meta marret tkellimha, ukoll dehret aġitata u kienet qaltilha li hi tibża' ħafna minn John Polidano. Rita Refalo xehdet illi l-imputat mar tliet darbiet iħabbat il-bieb tagħha fis-26 ta' Jannar 2022, fis-27 ta' Jannar 2022 u fit-28 ta' Jannar 2022.

Xehdet: "*Darba minnhom, ġie beda jċempel il-bieb, jibda jċempilli mill-mobile biex noħroġ u jien ovjament ma nibdiex nirrispondi.*"

L-imputat fl-istqarrija li rrilaxxa meta kien qed jiġi interrogat fid-29 ta' Jannar 2022, ammetta li fil-jiem ta' qabel kien ċempel lil Rita Refalo "*għal darba darbtejn bħannies u ma rrispondietx u tlaqt 'l hemm; li nagħmel il-kummiedji, bgħatt il-messaġġi iva…*" u ammetta wkoll li fit-28 ta' Jannar 2022 għall-ħabta tad-9.00 p.m. mar quddiem id-dar ta' Rita Refalo iżda insista li dan għamlu għaliex ried mingħandha kopja tad-digriet tal-Qorti li tah dritt ta' access għal ibnu taħt superviżjoni. Fil-fehma tal-Qorti din m'hijiex raġuni valida li tiġġustifika l-presenza tal-imputat barra r-residenza tal-persuna li kien ilu għal diversi ġranet qabel, ipoġġiha taħt pressjoni bit-telefonati u messaġġi li huwa stess stqarr li ma kienux f'lokhom.

Dan kollu magħdud hu biżżejjed għall-Qorti biex tirravviża fil-kondotta persistenti u mqanqal tal-imputat matul perijodu ta' diversi ġranet f'Jannar 2022, tammonta għal fastidju u dan għaliex huwa evidenti mix-xhieda ta' Rita Refalo li l-aġir tiegħu nissel fiha allarm, ansjeta' kif ukoll dwejjaq tant illi kellha tirrapporta dan l-aġir lill-Pulizija. Huwa ovvju u kellu jkun daqstant evidenti għall-imputat li l-imġieba tiegħu mhux biss ma kienetx raġjonevoli talli din kienet addirittura illegali għaliex kienet ukoll bi ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuqu u f'kull każ, ma tirrientrax bħala skużanti għall-finijiet tal-paragrafi (a) sa (ċ) tal-artikolu 251A(3) tal-Kap. 9 li, jekk ipprovat, jinnewtralizza l-prova tal-fastidju.

Dan kollu qed jingħad mingħajr qies għall-messaġġi li jidhru f'Dok. RR1 esebiti minn Rita Refalo fix-xhieda tagħha. Huwa ppruvat bl-ammissjoni tal-imputat innifsu fl-istqarrija tiegħu, illi n-numru +35679011136 li minnu ntbagħtu l-messaġġi li jidhru f'Dok. RR1 huwa tiegħu, u huwa evidenti wkoll li l-messaġġi f'Dok RR1 - għajr għal dawk il-messaġġi li jidhru f'paġni 60 sa 65 u 78 sa 83 tal-atti proċesswali li ma jidhrix

li jsegwu l-messaġġi fil-folji ta' qabilhom u ma jirriżultax f'liema data ntbagħtu[18] - intbagħtu wara xulxin u ġew esebiti b'mod sekwenzjali in kwantu għad-data u l-ħin.[19]

Għaldaqstant, l-elementi kollha tal-fastidju, li jifforma r-rekwiżit tal-paragrafu (a) tal-artikolu 251AA(1) tal-Kap. 9 u l-paragrafu (a) tal-artikolu 251AA(2) tal-Kap. 9, huma sodisfatti. Iżda billi l-fastidju u l-imġieba li tikkostitwixxi l-fastidju huwa biss wieħed mill-elementi li kollettivament isawru r-reat tas-segwiment bil-moħbi ta' persuni taħt l-artikolu 251AA tal-Kap. 9, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk ir-rekwiżiti l-oħra tas-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 251AA tal-Kap. 9 humiex sodisfatti biex tinstab ħtija wkoll għar-reat ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi.

Diġa' ġie stabbilit fil-kunsiderazzjonijiet li saru għall-fini tar-reat taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9 li l-imputat kien jaf jew messu kien jaf li l-imġieba tiegħu fir-rigward tal-parti offiża kienet ta' fastidju għaliha. Mill-ottika ta' persuna raġjonevoli li jkollha informazzjoni dwar l-imġieba dubjuża tal-imputat, din l-imġieba wkoll titqies li tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra[20]. Barra minn hekk, ġie stabbilit ukoll li l-imġieba tal-imputat fil-perijodu 25 sa 28 ta' Jannar 2022 tikkostitwixxi kondotta ripetuta li ġiegħlet lil Rita Refalo li tibża' għas-sigurtà tagħha u dan kif del resto ġie affermat minnha ripetutament fix-xhieda tagħha.

Jonqos biss għalhekk li jiġi stabbilit jekk l-imġieba tal-imputat tinkwadrax f'wieħed mill-atti msemmija espressament fis-subartikolu (3) tal-artikolu 251AA tal-Kap. 9 bħala att li jitqies bħala att ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi. Fil-fehma tal-Qorti, ir-risposta hija fl-affermattiv għaliex huwa ppruvat bix-xhieda ta' Rita Refalo kif ukoll bl-istqarrija tal-imputat innifsu, li l-imġieba tiegħu tikkonsisti wkoll f'tentattiv li jagħmel kuntatt magħha. Dan sija billi mar quddiem ir-residenza tagħha u ċempel il-

[18] Barra minn hekk, Rita Refalo imkien ma kkonfermat fix-xhieda tagħha li l-messaġġi esebiti huma lkoll messaġġi li intbagħtu sekwenzjalment u għalhekk mhux ippruvat konklussivament meta dawn intbagħtu.
[19] L-estrazzjoni tal-kontenut diġitali tal-mobile phone tal-imputat (USB Dok. MBA) ma fiha ebda data rilevanti għall-akkużi, filwaqt li l-call logs u l-messaġġi Dok. RR1 li skont il-parti offiża saru jew intbagħtu mill-mobile phone tal-imputat ma jinsabux fost id-data li ġie estratt minn dan id-device (Dok. MB1).
[20] Art. 251A(3) tal-Kap. 9.

bieb, u sija wkoll billi ċemplilha diversi drabi u bagħtilha diversi messaġġi. Imġieba li hija konsistenti ma' dik ravviżata fil-paragrafu (b) tal-artikolu 251AA(3) tal-Kap. 9.

Għaldaqstant, billi jikkonkorru l-elementi kollha tar-reat ukoll taħt l-artikolu 251AA tal-Kap. 9, l-imputat sejjer jinsab ħati wkoll ta' dan ir-reat speċifiku.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat huwa akkużat ukoll bir-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9 li jiddisponi li huwa ħati tar-reat kull min bl-imġieba tiegħu jikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti,dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), u jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet.

Bħar-reat tal-fastidju u r-reat ta' segwiment ta' persuni bil-moħbi, ir-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9 ukoll jeħtieġ il-prova tal-kondotta ripetuta. Iżda b'żieda ma' dan, jeħtieġ ukoll il-prova li l-aġent wettaq atti materjali konsistenti f'manifestazzjoni ta' theddid ta' vjolenza, kif ukoll il-prova tal-biża' li dawn l-atti jkunu effettivament qanqlu fis-soġġett passiv tar-reat: biża' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew tal-persuni msemmija fl-artikolu tal-liġi. Għalkemm il-prova rikjesta hija ta' stat ta' emozzjoni soġġettiva, din tista' tigi dezunta wkoll oġġettivament miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

Fil-każ in diżamina, il-parti offiża stqarret illi l-imputat qatt ma kienx vjolenti magħha u qatt ma refa' idejh fuqha. Madankollu, xehdet li kienet tibża' minnu għaliex l-attitudni tiegħu kien jinbidel f'ħakka t'għajn mingħajr preavviż u kien iġib ruħu ta' miġnun, b'ħafna għajjat, theddid u dagħa. Xehdet li kien proprju minħabba dan l-atteġġjament li kienet iddeċidiet li taqta' kull kuntatt mal-imputat, iżda mbagħad beda jiġiha quddiem il-bieb jgħajjat u jċempel.

Huwa minnu li Rita Refalo xehdet li kienet tibża' mill-imputat u li l-imġieba tiegħu li tikkostitwixxi fastidju u segwiment bil-moħbi kienet iġġiegħlha tibża' għas-sigurta' tagħha, madankollu l-Qorti m'hijiex moralment konvinta illi f'din il-biża' hija riskontrabbli l-biża' speċifika ipotetizzata mil-leġislatur għar-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, ċioe' l-biża' fis-soġġett passiv tar-reat li ser tintuża' vjolenza kontrih jew kontra xi waħda mill-persuni espressament imsemmija fid-dispożizzjoni legali jew kontra l-proprjeta' tiegħu. **Il-parti offiża filwaqt li ddeskriviet fix-xhieda tagħha l-imġieba tal-imputat, enfasizzat li huwa l-għajjat u dagħha li kienu jallarmawha u jġiegħluha tibża', eskludiet li l-imputat qatt kien vjolenti magħha anke jekk xehdet li kien heddidha: "*nifqagħlek il-bieb, ħa ssibni ma' wiċċek*", theddida li ma jirriżultax li saret fiż-żmien tar-reati kif imfisser fiċ-ċitazzjoni u f'kull każ, ma jirriżultax sodisfaċjentement mill-provi li saret f'iktar minn okkażjoni waħda**. Għalkemm Rita Refalo xehdet ukoll li l-imputat kien jheddidha li t-tifel ma jridu ma' ħadd, li kulħadd ħażin u li m'hijiex tajba biex trabbi t-tfal u m'hi tajba għal xejn, fil-fehma tal-Qorti dan m'huwiex theddid tax-xorta li jnissel biża' li ser tintuża l-vjolenza.

Għandu jingħad ukoll illi anke jekk għal mument kellha taċċetta li l-messaġġi esebiti fl-atti tassew intbagħtu lkoll fiż-żmien tal-akkuzi kif imfisser fiċ-ċitazzjoni u jimmanifestaw xi xejra ta' theddid ta' vjolenza, il-Qorti riskontrat biss messaġġ wieħed li ntbagħat fis-27 ta' Jannar 2022 b'theddid dwar l-użu ta' vjolenza ("*Il-lela moħok em għax ma wiċek inkin un ma niqafx hanurik kien kif inkun*") liema messaġġ jikkombaċċja mat-theddida li semmiet il-parti offiża fix-xhieda tagħha, u ma jirriżultax li ntbagħat messaġġ ieħor b'xi xejra ta' theddid ta' aggressjoni jew vjolenza, fiż-żmien tal-akkużi, biex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tal-kondotta li jqanqal biża' li ser tintuża vjolenza. Id-dagħa u l-insulti żgur mhux biżżejjed waħedhom, mingħajr iktar, biex iqanqlu l-biża' li jinħtieġ li jiġi ppruvat għall-ħtija għar-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9.

Għaldaqstant, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-elementi kollha tar-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9 ġew ippruvati fil-grad li jinħtieġ għal sejbien ta' ħtija.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie akkużat ukoll bir-reat taħt l-artikolu 49 tal-Kap. 399. Dan jipprovdi:-

*Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*
*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*
*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*
*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih. Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtulok għal reat taħt dan l-Att.*

M'hemmx dubju f'dan il-każ, stabbilit li l-imputat bagħat messaġġi minn fuq apparat ta' mobile phone b'numru li stqarr li huwa tiegħu, lil Rita Refalo, l-imputat intenzjonalment uża network ta' komunikazzjoni elettronika kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Kap. 399, b'mod mhux xieraq għaliex ripetutament bagħat messaġġi b'bosta kliem vulgari u inġurjuz kif ukoll dagħha.

Madanakollu, huwa assodat illum fil-ġurisprudenza in materja illi l-frażi "*użu iehor mhux xieraq*" fil-paragrafu (a) tal-artikolu 49 tal-Kap. 399, ma jfissirx kwalunkwe użu jew kull offiża, insult, theddid jew kelma żejda, iżda għandha tiġi interpretata b'mod ferm aktar strett biex tirreferi b'mod ewlieni għal theddid ta' estorsjoni u attivitajiet illeċiti u tal-kommissjoni ta' reat. Fil-każ in diżamina l-Qorti ma riskontratx messaġġ fejn l-imputat hedded li ser jikkommetti xi reat kriminali.

Billi għalhekk mhumiex rikonstrabbli l-estremi maħsuba fid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 49 tal-Kap. 399, l-imputat mhux sejjer jinstab ħati tal-imputazzjoni bin-numru 4.

Ma jistax lanqas jinstab ħati tar-reat fil-ħames imputazzjoni taħt l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 għaliex mill-provi, speċifikatament ix-xhieda tal-parti offiża nnifisha, huwa eskluż li l-imputat qatt ħebb għaliha bl-ebda mod.

Fir-rigward tar-reat kontravvenzjonali addebitat fl-imputazzjoni bin-numru 6 taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, jirriżulta mill-messaġġi esebiti illi l-imputat insulta lil Rita Refalo b'tgħajjir, insulti u kliem ħażin u vulgari li huwa wisq baxx biex jiġi riprodott f'din is-sentenza. Rita Refalo nnifisha xehdet illi l-imputat kien offendiha meta għajjarha "liżbjana" u kollox magħdud, il-Qorti ssib li l-messaġġi esebiti fihom biżżejjed kontenut li jikkostitwixxi inġurji fil-konfront ta' Rita Refalo.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll li wettaq delitt waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża. Fir-rigward xehdet l-Assistent Reġistratur Stephanie Calafato Testa għan-nom tar-Reġistratur tal-Qorti li bil-ġurament tagħha esebiet[21] kopja awtenikata ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Polidano**. Il-ħati li ġie kkundannat f'din is-sentenza, John Polidano, għandu l-istess konnotati bħall-imputat odjern kif jidhru fl-estratt miċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu (Dok. EH) u l-istess numru tal-karta tal-identita' ċioe' 360965M. Permezz ta' din is-sentenza, John Polidano, l-imputat odjern, ġie kkundannat sentenza ta' priġunerija għal sentejn, liema sentenza ġiet sospiża bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 għal żmien erba' snin.

L-Assistent Reġistratur tal-Qorti Stephanie Calafato Testa ikkonfermat illi ma ġie interpost l-ebda appell minn din is-sentenza.

[21] Xhieda tal-20 ta' Marzu 2023, Dok. SCT1.

Hu indiskuss li f'Jannar 2022 meta l-imputat wettaq id-delitti taħt l-artikolu 251A u l-artikolu 251AA tal-Kap. 9, li dwarhom qed jinsab ħati f'din is-sentenza, liema delitti huma punibbli bil-priġunerija, kienu għaddew biss sitt xhur minn meta skatta l-perijodu operattiv ta' erba' snin. Għalhekk din is-sentenza sospiża kienet għadha fis-seħħ meta l-imputat ikkommetta r-reati addebitat fit-tieni imputazzjoni.

Iżda għalkemm xejn ma jiġġustifika l-aġir tal-imputat li jikkostitwixxi r-reati li dwarhom qed jinstab ħati, il-Qorti, meta tqis li r-raġuni ovvja il-għaliex l-imputat kien tilef il-kontroll u wettaq ir-reat ta' fastidju u segwiment ta' persuna bil-moħbi – **ċioe' għaliex il-parti offiża ma tatu ebda informazzjoni dwar il-qagħda ta' ibnu li kien ma jiflaħx u kien qed jinżamm fid-dar fejn il-parti offiża u l-familja l-oħra kollha kienu lkoll fi kwarantina, u dan meqjus ukoll fl-isfond tal-fatt illi in segwitu għall-ħruġ tal-Ordni ta' Trażżin, il-partijiet kienu f'relazzjoni u jirriżulta mill-provi li l-effetti tal-Ordni ta' Trażżin kienu qed jiġu applikati jew mhux applikati mill-parti offiża fid-diskrezzjoni tagħha u b'mod pjuttost erratiku, b'mod li l-Qorti fehmet li l-imputat kien jitħalla mdendel** - m'hijiex tal-fehma li tkun ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa tal-artikolu 28B(1) tal-Kap. 9.

Madankollu hija tal-fehma li għandha tapplika d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2)(b) tal-artikolu 28B tal-Kap. 9, billi tibdel l-ordni oriġinali magħmul bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) u minflok il-perijodu operattiv speċifikat fis-sentenza tat-23 ta' Ġunju 2021, tagħmel perijodu ieħor li jkun jiskadi fi żmien sentejn mil-lum.

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika li r-reat ta' fastidju u segwiment ta' persuna bil-moħbi huwa aggravat bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 251H(a)(b)(ċ)(d)(i) u l-artikolu 251HA.

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (b)(ċ) u (d) tal-artikolu 251H huma inapplikabbli. In kwantu l-paragrafu (ċ) ma hemm ebda prova li Rita Refalo, omm il-wild tal-imputat, hija persuna vulnerabbli fit-tifsira tal-artikolu 208AĊ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali għaliex mir-rapport tal-okkorrenza Dok. EH3, jirriżulta li hija twieldet fis-sena 1975. Mhux ippruvat kif imiss lanqas li r-reat ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi, f'dan il-każ konsistenti b'mod ewlieni f'telefonati u messaġġi, saru fil-prezenza ta' minuri. Safejn imbagħad għandu x'jaqsam il-paragrafu (b) tal-artikolu 251H tal-Kap. 9, għandu jingħad illi l-kondotta abitwali li jikkostitwixxi l-fastidju huwa wieħed mill-elementi materjali kostituttivi tar-reat u l-fatt illi l-imputat seta' bagħat biżibilju ta' messaġġi u għamel telefonati ripetuti fuq medda ta' ftit ġranet ma jfissirx li d-delitt tal-fastidju twettaq ripetutament. Iżda billi diġa' nstab ħati li kkommetta d-delitt tal-fastidju konsistenti fis-segwiment ta' persuna bil-moħbi isibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (i) tal-artikolu 251H.

Għaldaqstant, ir-reat taħt l-artikolu 251AA tal-Kap. 9 huwa aggravat biss, għall-fini tal-artikolu **251H tal-Kap. 9, taħt il-paragrafu (a) – għaliex Rita Refalo hija s-sieħba ta' qabel tal-imputat – u l-paragrafu (i)** għaliex l-imputat diġa' ġie kundannat għar-reat taħt l-artikolu 251AA tal-Kap. 9 bis-saħħa tas-sentenza tat-23 ta' Ġunju 2021 (Dok. SCT1). Għalhekk il-piena għanda tiżdied mill-inqas bi grad wieħed.

In kwantu għaż-żjidiet fil-piena maħsuba **fl-artikolu 251HA li jagħmel referenza għall-artikolu 202 tal-Kap. 9.** L-Avukat Ġenerali indika bħala applikabbli għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-paragrafi (b)(h)(i)(j)(k) u (n) tal-artikolu 202.

L-applikabbilita' tal-paragrafi (j) u (k) hija eskluża minħabba l-istess konsiderazzjonijiet li saru minnufih qabel, riferibbilment għaż-żjidiet fil-piena taħt l-artikolu 251H tal-Kap. 9. L-imputat, evidentement, m'huwiex axxendent, tutur jew istitur ta' Rita Refalo – li hija l-unika vittma tar-reati msemmija fiċ-ċitazzjoni – u Rita Refalo f'ebda waqt ma xehdet li xi atti li jikkostitwixxu r-reat taħt l-artikolu 251AA tal-Kap. 9 saru quddiem il-wild minuri li għandha in komun mal-imputat, jew li huwa

kien qed jisma' x'kien qed isir. Xehdet hi stess li l-minuri kellu ħdax-il xahar fiż-żmien tar-reat. Huwa minnu li jidher li ulied Rita Refalo kienu jgħixu wkoll magħha fl-istess residenza, fiż-żmien tar-reat, u jista' jkun ukoll li uliedha jew uħud minnhom huma persuni taħt l-eta', iżda ebda wieħed minn uliedha ma nġiebu biex jixhdu dwar dak li setgħu semgħu jew raw riferibbilment għall-atti li jikkostitwixxu r-reat ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi u għalhekk il-fatti li jagħtu lok għall-applikazzjoni tal-aggravanti msemmi fl-artikolu 202(i) tal-Kap. 9 m'humiex konklussivament ippruvati.

Fil-fehma tal-Qorti, huma applikabbli biss għall-fattispeċje tal-każ, id-dispożizzjonjiet **tal-paragrafu (h)(iv) tal-artikolu 202** għaliex id-delitt sar fuq Rita Refalo li għandha tarbija in komun mal-imputat, u **l-paragrafu (n)** għaliex hawnhekk ukoll, bl-istess mod li jipprovdi l-artikolu 251H(i) tal-Kap. 9 jitqies bħala aggravanti tal-piena l-fatt illi l-ħati jkun diġa' misjub ħati qabel ta' delitt simili.

Billi l-imputat m'huwiex akkużat u għalhekk mhux qed jinstab ħati ta' xi wieħed mir-reati maħsuba fl-artikoli 216, 217, 218, 220 u 221 tal-Kodiċi Kriminali, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 222(1)(a) tal-Kap. 9, imsemmi mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, huma manifestament inapplikabbli.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena li għandha tiġi erogata, il-Qorti ikkunsidrat diversi fatturi. Qabel xejn, il-fatt illi l-istess atti li bihom l-imputat ikkommetta r-reat ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi, taw lok ukoll fl-istess waqt għall-ksur tal-provvedimenti tal-Ordni ta' Trażżin u ċioe' r-reat taħt l-artikolu 382A(3) tal-Kap. 9 u għalhekk, bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' konkorrenza formali ta' reati u pieni, għandha tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi li huwa dak taħt l-artikolu 251AA tal-Kap. 9 kif aggravat. Billi, iżda, huma ppruvati tliet ċirkostanzi separati li jaggravaw il-piena, tqis illi għandha tapplika żieda ta' żewġ gradi fil-piena. **Għalkemm tassew l-imputat diġa' nstab ħati preċedentement għall-istess reat taħt l-artikolu 251AA tal-Kap. 9**

**fil-konfront tal-istess vittma, m’hijiex sejra tapplika piena li teċċedi l-minimum għar-reat taħt l-artikolu 251AA tal-Kap. 9 għaliex il-fatt li l-ħati jkun ġie diġa’ kkundannat qabel għall-istess delitt, diġa’ jikkostitwixxi aggravanti mandatorju tal-piena taħt l-artikolu 202(n) u l-artikolu 251H(i) tal-Kap. 9 u għalhekk il-Qorti tkun qiegħda tippunixxi lill-imputat doppjament jekk tapplika piena li toqrob lejn il-massimu minħabba din l-istess konsiderazzjoni**. Tosserva wkoll li l-imputat ma ġiex mixli li huwa reċidiv.

Il-Qorti tifhem il-gravita’ tal-fatt illi l-imputat ikkommetta r-reat ta’ fastidju konsistenti fis-segwiment ta’ persuna bil-moħbi, iktar minn darba fil-konfront tal-istess vittma, iżda jeħtieġ ukoll li l-Ordni ta’ Trażżin li jinsab fis-seħħ fil-konfront tal-imputat, jiġi applikat b’mod konsistenti mill-vittma li ma tistax, jekk iddeċidiet li twarrab il-protezzjoni li offrielha l-Ordni ta’ Trażżin, kull darba li jqum xi argoment mal-imputat, jew kull darba li l-imputat jirrabja, tiddeċiedi ħesrem li tagħlaqlu l-bieb għal ibnu. Jekk l-Ordni ta’ Trażżin m’huwiex iktar meħtieġ, għaliex il-partijiet ikunu irrikonċiljaw, xi ħadd minnhom għandhom jieħdu ħsieb li jitlob il-varjazzjoni jew ir-revoka tal-Ordni għaliex l-ordnijiet tal-Qorti jingħataw biex ikun effettivi u ma għandhomx jintużaw kif jogħġobha l-vittma fid-diskrezzjoni assoluta tagħha, għalkemm jispetta wkoll lil min ikun marbut bl-Ordni ta’ Trażżin li jħares l-interessi tiegħu u jassigura li ma jkunx qiegħed jikser l-Ordni jekk jerġa’ jirrikonċilja mal-vittma.

**Wara li ħasbet fit-tul dwar dan il-każ, il-Qorti ma tistax ma tissimpatizzax sa ċertu grad mal-imputat minħabba l-pożizzjoni li sab ruħu fiha wara li ġie rinfaċċjat b’mod ħesrem b’nuqqas assolut ta’ kuntatt ma’ ibnu, meta jirriżulta li sal-15 ta’ Jannar 2022 kien qiegħed jara lil ibnu b’mod konsistenti sa ġimgħa qabel. Rita Refalo xehdet hi stess li l-imputat iħobbu ħafna lil ibnu u jirsisti ħafna għalih, u meta t-tifel ħareġ mill-Isptar kienu marru fil-kampanja flimkien ma’ binhom, iżda mbagħad iddeċidiet li ma tweġbux iktar u lanqas turih it-tifel. Kif diġa’ ġie stabbilit, l-effetti ta’ dan in-nuqqas assolut u qtugħ ħesrem ta’ komunikazzjoni fir-rigward tal-minuri, taw lok għall-atti li flimkien sawru r-reat**

**taħt l-artikolu 251AA tal-Kap 9. Il-Qorti fehmet illi l-imputat kien ansjuż minħabba l-fatt li ibnu kien għadu ħiereġ mill-Isptar u ma setax jarah għaliex ir-residenti fid-dar ta' Rita Refalo kienu kollha fi kwarantina, fatt li kompla jħassbu tant illi huwa evidenti li l-animu tal-imputat kien li jikseb informazzjoni dwar is-saħħa ta' ibnu għaliex kien imħasseb dwar il-benessere tiegħu.**

Għaldaqstant, fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti tqis li għalkemm għandu jingħata piena karċerarja, sejra tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 biex tissospendi l-effetti tas-sentenza sabiex l-imputat **jingħata l-aħħar opportunita'** biex jagħraf darba għal dejjem li n-nuqqas ta' trażżin tar-rabja tiegħu, anke dik ir-rabja u dawk l-emozzjonijiet negattivi li jkunu ixprunati mill-fatt li qed jiġi mċaħħad minn kuntatt ma' ibnu minuri, fl-aħħar mill-aħħar jikkostitwixxu reat kriminali u li l-konsegwenza mandatorja ta' episodju ieħor simili ser tkun id-dħul fis-seħħ ta' żewġ sentenzi sospiżi. Il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat jeħtieġ ukoll jingħata trattament sabiex jitgħallem jikkontrolla b'mod iktar effettiv u effiċjenti l-emozzjonijiet u rabja tiegħu kif ukoll li jieħu trattament biex jegħleb il-vizzju tad-droga jekk tassew jirriżulta li l-imputat għandu dan il-vizzju u l-problema tal-kontroll tar-rabja hija marbuta sewwasew miegħu.

**Għaldaqstant, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reati taħt l-artikoli 251(1)(2), 251B u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u r-reat taħt l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-artikoli 17, 18, 28B, 31, 202(h)(iv)(n) u 251AA li jagħmel referenza għall-artikolu 251A, u l-artikoli 251Ċ, 251H(a) u (i), 251HA, 339(1)(e) u 382A(3) li jagħmel referenza għall-artikolu 412Ċ(10), ilkoll tal-Kodiċi Kriminali, issib lil JOHN POLIDANO ħati biss tat-tieni, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonjiet u tikkundannah sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor punibbli bil-priġunerija fi żmien erba' (4) snin.**

**Għall-fini tal-artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali, tittratta mal-ħati għar-reat li ġie kommess fil-perijodu operattiv tas-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Eman Hayman) v. John Polidano, li l-effetti tagħha ġew sospiżi taħt l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, billi tibdel l-ordni oriġinali magħmul fl-imsemmija sentenza bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali, u minflok il-perijodu operattiv hemm speċifikat, qiegħda tagħmel perijodu operattiv ieħor għal erba' (4) snin.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' €2,501.60, rappreżentanti l-ispejjeż imħallsin lill-esperti maħturin fil-proċeduri[22] fi żmien sitt (6) xhur.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Rita Refalo għal żmien tliet (3) snin.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati biex jingħata trattament psikoloġiku biex jikkontrolla r-rabja u biex jindirizza u jegħleb il-vizzju tad-droga.**

**Tordna li tintbaghat kopja tas-sentenza lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole u lill-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija ghas-Servizzi Korrrettivi ghall-fini tal-implimentazzjoni tal-Ordni ta' Trattament, u lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trazzin.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[22] Dr. Martin Bajada, Dok. MB1.